MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 129/2013

**A B f'isimha proprju u fl-interess tal-minuri E B u b'digriet talt-28 ta' April, 2015 l-Avukat Dr Jonathan Abela Fiorentino gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-minuri E B**

**vs**

**Dr C D**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat Dr Marc D kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieldet fit-3 ta' Mejju 2011 il-minuri E B;
2. Illi waqt li r-rikorrenti kienet tqila, il-partijiet temmew ir-relazzjoni ta' bejniethom u l-intimat Dr Marc D qatt ma ra lil bintu minuri;
3. Illi l-intimat Dr Marc D huwa l-missier bijologiku tal-minuri E B;
4. Illi skont l-Att tat-Twelid hawn anness (Dok A) missier il-minuri E B qed jidher bhala 'Missier mhux maghruf';
5. Illi ghalhekk ir-rikorrent qed tressaq din il-kawza halli il-Qorti, anke permezz tal-hatra ta' Perit nominat mill-Qorti jekk ikun il-kaz, tiddikjara li l-intimat Dr Marc D hu l-missier ta' E B u halli tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku halli jaghmel l-emendi opportuni fl-att tat-twelid relattiv;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet hawn fuq esposti :

1. Tiddikjara illi l-minuri E B li twieldet fit-3 ta' Mejju 2011 hija l-bint naturali tal-intimat Dr Marc D u dan anki bil-hatra ta' perit nominandi jekk ikun il-kaz;
2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri E B bin-numru 1676 tas-sena 2011 hawn anness u dana billi fil-kolonna indikattiva ta' isem u kunjom missier it-tarbija hemm il-kliem 'Unknown Father', jidhlu minflokhom il-kliem 'Marc D' u l-konnotati kollha tieghu;
3. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett;

Bl-ispejjez u l-intimati jew min minnhom minn issa ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi preliminajament jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri E B l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għall-premess f'każ li jintlaqgħu t-talbiet attriċi l-esponent jinvita lill-intimat Dr. Marc D sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri E B, (2) il-post tat-twelid tiegħu, (3) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmiha minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri E B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita E B;

3. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa :

Illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li sa fejn jaf hu ma huwiex responsabbli ghat-tqala ta' l-attrici li seta' kellha relazzjonijiet

ma rgiel ohra, izda jirrimetti ruhu ghal dak li jista' jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici fejn qieghda tikkontendi li frott tar-relazzjoni li hija kellha mal-intimat Dr. Marc D, nhar it-3 ta' Mejju 2011 twieldet il-minuri E B izda c-certifikat tal-istess minuri jindika li l-missier mhux maghruf[1]. Peress li l-istess intimat irrifjuta li jara lill-imsemmija minuri, l-attrici resqet il-kawza odjerna sabiex il-Qorti tiddikjara li l-minuri hija fattwalment wild l-intimat u konsegwentement ic-certifikat rispettiv jibda jirrispekkja tali fatt.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 4 tal-process

Permezz tal-affidavit taghha,[2] l-attrici tiddiskrivi r-relazzjoni li kellha mal-intimat li bdiet ghall-habta ta’ Mejju u Gunju 2010 bhala wahda fejn kienu jiltaqghu regolarment, kemm matul il-gimgha u kemm fil-*weekends*. Kien hemm komunikazzjoni regolari bejniethom b’diversi modi u kollox kien miexi sew bejniethom sakemm f’Awwissu 2010 skopriet li kienet tqila. Tghid li l-intimat riedha taghmel abort izda meta qaltlu li ma kienitx ser taghmel dak li xtaq hu, beda jghajjarha ‘injuranta’ u kompla bil-pressjoni biex isir abort. Sadanittant, minkejja li l-intimat kien ‘irvella’ ghax hass li d-decizjoni kienet haditha wahedha, l-partijiet kienu jiltaqghu biex jitkellmu b’dan li r-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom komplew. Kompla jaghmel pressjoni biex taghmel abort b’dan li l-attrici insistiet li ma riditx. Tghid li l-intimat beda jirraguna bhal tifel zghir u beda juza frazijiet li qabel ma harget tqila qatt ma uzhom qabel fil-konfront taghha.

Tghid li fit-tqala dahlet l-isptar ghaliex rat id-demm izda minkejja li qaltlu b’dan, ma marx jaraha. Minkejja kollox, l-attrici tghid li baqghet tinfurmah bl-andament tat-tqala. Imbaghad f’Ottubru ried li jiltaqghu biex jitkellmu b’dan li l-attrici accettat izda ghamlitha cara li ma kienet ser taghmel ebda abort. Tghid pero’ li l-intimat ma kienx konsistenti ghaliex gieli kien jghajjarha u mbaghad kien jiskuza ruhu. Ghamlet kollox wahedha, inkluzi l-visti l-isptar u ghand il-*gynaecologist* b’dan li l-intimat ma hallas xejn. L-attrici ssostni li l-aktar haga li kienet tinkwetah kien il-fatt li jsiru jafu n-nies dwar l-identita’ ta’ missier it-tarbija. Aktar tard l-intimat hareg bl-idea li taghti t-tarbija ghall-addozzjoni izda hi ma qablitx lanqas. Izzid tghid li l-intimat kien car f’diskorsu biex ma toqghodx tohlom ghax ma kienx ser jigi ‘to the rescue’. Tghid li l-intimat ghamel enfasi maghha li ma kellux flus u li jekk jigi ordnat ihallas xi haga mill-Qorti, xorta ma kienx ser ihallas u li kien lest li jmur il-Habs ghax wara kollox ghandu bzonn ‘break’. Riedha anke taghmel dikjarazzjoni fejn tobbliga ruhha li ma tfittxu qatt jew lil familtu b’dan li ma jkollu ebda obbligu, izda l-attrici rrispondietu li l-uniku obbligu li kellu kien dak ta’ missier. L-attrici taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li minn mindu twieldet it-tarbija, l-intimat ma kellimhiex aktar u waqqaf kull kuntatt. Qatt ma staqsa ghal bintu u lanqas qatt ma raha b’dan li l-bzonnijiet tal-istess minuri dejjem hadet hsiebhom hi.

[2] Ara a fol 27 tal-process

Permezz ta' affidavit ulterjuri[3] l-attrici, filwaqt li tichad bl-aktar mod kategoriku kwalunkwe allegazzjoni li jgib fil-konfront taghha l-intimat, tghid li l-unika interess li ghandha huwa dak li l-intimat jirrikonoxxi lil bintu u jerfa' r-responsabbilitajiet ta' missier.

**Il-Verzjoni tal-intimat**

Permezz tal-affidavit tieghu[4] l-intimat jghid li beda jiltaqa' mal-attrici f'Gunju 2010 b'dan li ghalkemm hargu flimkien bejniethom qatt ma kien hemm xi relazzjoni formali, anzi skond hu, kien fatt maghruf bejniethom li hadd minnhom ma ried xi forma ta' rabta jew li kellu xi pjanijiet futuri. Jghid ukoll li kien hemm intimita' fiżika bejniethom pero' minhabba allergija li ghandha l-attrici, m'uzawx protezzjoni minkejja li l-attrici kienet tinsisti "li taf x'inhi taghmel". Jiddiskrivi r-relazzjoni taghhom bhala wahda kazwali b'dan li fiż-żmien li kienu jiltaqghu l-attrici siefret kemm –il darba u ghalhekk jikkontendi li seta' kellha relazzjonijiet intimi ma' terzi minghajr ma jaf. Maz-zmien skopra li l-karattru taghha ma joghbux u ghalhekk beda jipprova jaqta' minn maghha. Jghid li proprju minhabba l-karattru taghha, kif indunat li kien qed jipprova jaqta' r-relazzjoni maghha, marret l-ufficcju tieghu u qaltlu li kienet tqila. Jirrakkontra li dan urieh l-iskop ulterjuri taghha u cioe' li tivvendika ruhha minnu peress li r-relazzjoni taghhom kienet qed tintemm u li riedet il-flus minghandu. Jghid li abbazi ta' dan kollu jinsab cert li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tieghu izda jirrimetti ruhu ghar-rizultati tat-testijiet medici.

Permezz ta' affidavit iehor[5] il-konvenut jirribatti dak li tghid l-attrici permezz tal-affidavit u jaghti ezempji biex juri li r-relazzjoni taghhom qatt ma kienet xi wahda stabbli u biex juri li mhux minnu li kienu jiltaqghu daqshekk regolarment. Jghid li hassu ingannat mill-attrici ghax jekk riedet it-tfal, zgur li dan ma kienx il-mod. Huwa proprju minhabba dan l-

---

[3] Esebit a fol 46 tal-process
[4] Ara a fol 19 tal-process
[5] Prezentata nhar il-11 ta' Novembru 2014

aspett ta’ ingann li l-intimat jghid li ssuggerixxa li jaghmlu dikjarazzjoni li hadd ma jkollu ebda pretensjoni kontra l-iehor, b’dan li jsostni li r-risposta tal-attrici kienet wahda ferm differenti minn dak li ssostni issa permezz tal-affidavit taghha.

**Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Illi jigi rilevat li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma jressaq ebda eccezzjoni ta’ natura preliminarji jew legali. Biss, permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu, jishaq li f’kaz li l-intimat jigi dikjarat li huwa l-missier, allura jkun necessarju ghall-istess intimat li jaghti d-dettalji tieghu sabiex dawn jigu riflessi fic-certifikat tal-minuri.

Karta tal-identita numru: 363683M

Residenti: 4, Tal-Kmand, Triq E Zammit Lija

Missier l-intimat: Michael D u Monica D xebba Zammit

Kunjom li ghandha tkun maghrufa bih il-minuri: L-ewwel preferenza B, t-tieni B D[6].

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri E B hija l-wild naturali tal-intimat Dr. Marc D u konsegwentement tipprova li hemm lok ghal tibdil fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta’ *test* xjentifiku esebit in atti gie kkonfermat li l-intimat Dr. Marc D huwa l-missier naturali tal-istess minuri. B’hekk,

[6] Ara n-nota esebita in atti a fol 49 tal-process

permezz tal-istess test jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li bintha hija l-wild naturali tal-intimat. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li z-zewg partijiet qablu li kellhom relazzjonijiet intimi. Dak li ma jaqblux dwaru hija n-natura tar-relazzjoni li kellhom, pero' ghall-finijiet ta' din il-kawza, r-relazzjoni li seta' kellhom jew le m'ghandha ebda rilevanza. Dak li huwa rilevanti huwa jekk l-intimat huwiex il-missier biologiku jew le. F'dan il-kaz, jirrizulta li hekk hu.

Ghalhekk jidher car li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, hemm lok ghal tibdil.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri E B li twieldet fit-3 ta' Mejju 2011 hija l-bint naturali tal-intimat;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-korrezzjoni fic-certifikat tat-Twelid ta' E Veneziano bin-numru progressiv 1676/2011 b'dan illi l-kliem 'missier mhux maghruf' ghandhom jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u minflok jigu sostitwiti bid-dettalji tal-intimat u cioe' Marc D bil-karta tal-identita' 363683M, iben Michael D u Monica D xebba Zammit, residenti Lija. Kunjom il-minuri ghandu jkun dak ta' D B.
(3) Tilqa' t-tielet talba.

Bl-ispejjez kollha kontra kontra l-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------